**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni 137/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**vs**
**Abderahim Smaini**

**Illum 29 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Abderahim Smaini ta' 35 sena, iben Ahmed u Fatima Lafar, imwieled ġewwa l-Marokk, nhar it-23 ta' Diċembru, 1987 u residenti ġewwa fond numru Paradise Flat 2, Triq Għarram, Ħaż-Żebbuġ, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 212850A;

Akkużat talli nhar is-17 ta' Frar 2023 għall-ħabta tas-1.15 ta' filgħodu, ġuewwa dawn il-Gżejjer Maltin;

1. Ikkommetta serq ta' vettur bin-numru tar-reġistrazzjoni CAD-225 tal-għamla Isuzu, liema serq hu aggravat bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Tarcisio Xuereb u/jew persuna jew persuni oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qiegħed isuq jew kellu fil-pussess tiegħu vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni CAD-225, ikkaġuni ħsara fuq l-istess vettura għad-dannu ta' Tarcisio Xuereb u/jew persuna jew persuni oħra;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġi jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qiegħed isuq jew kellu fil-pussess tiegħu vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni CAD-225, ikkaġuni ħsara fuq vettura bil-mutur tal-għamla Nissan bin-numru ta' reġistrazzjoni JLJ-199 għad-dannu ta' Anthony Agius u/jew persuna jew persuni oħra;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qiegħed isuq jew kellu fil-pussess tiegħu vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni CAD-225, ikkaġuna ħsara fuq vettura bil-mutur tal-għamla Renault Caputur bin-numru ta' registrazzjoni DIA-333 għad-dannu ta' Diane Bugeja u/jew persuna jew persuni oħra;
5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bl-mutur tal-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni CAD-225 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluża;
6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni CAD-225 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta taħt dik il-kategorija għall-imsemmija vettura;
7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura bil-mutur fl-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni CAD-225 mingħajr ma' kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskji għal terzi persuni;
8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni CAD-225 kontra s-sinjal tat-traffiku indikat f'dik il-lokalita';
9. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu il-vettura ta' għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni CAD-225 fi triq jew f'post pubbliku ieħor meta kien ikkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm, jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt;
10. U finalment talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu il-vettura ta' għamla Isuzu bin-

numuru ta' Reġistrazzjoni CAD-225 fi triq jew f'post pubbliku ieħor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita' mil-liġi, tordna li Abderahim Samini jiġi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal dak it-tul ta' żmien li jidrilha xieraq.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita' mil-liġi, tordna lill-imsemmi persuna biex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif stabbilit fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ippreżentati inkluż rikors għal ftuħ tar-reġistru wara l-ħinijiet legali Dok CC, Stqarrija Dok CC1, Personal Details Form Dok CC2, Fedina Penali Dok CC3, Mandat ta' Arrest u Tfittxija Dok CC4, Tlett Current Vehicle Detail Forms Dok CC5 sa Dok CC7, Okkorrenza Dok CC8 u pre-sentencing report Dok DC1.

Semghet il-provi; u

Rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 261, 270, 271, 279(b), 328(d), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1), 15(1)(a)(2)(3), 15A(1), 15B(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u L.S. 65.05 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta datata 18 ta' Frar 2023 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tiegħu u wara li l-imputat ngħata żmien opportun biex ikun jista' jirregola ruħħu, huwa wara li reġa' ġie mistoqsi mill-Qorti ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Illi għal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet kollha il-Qorti m'għandiex triq oħra għajr li ssib lill-imputat ħati u dan in vista ta' l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat Abderrahim Smaini. Iżda għal dak li jirrigwarda l-piena li għandu jingħata l-imputat il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni mogħtija mill-imputat b'dan li l-Qorti ma kelliex għalfejn taħli iżjed ħin biex tiġbor il-provi.

Il-Qorti sejra tikkwota dak illi jgħid il-presentencing report eżebit f'dawn il-proċeduri, *"Wara li ttieħdu in konsiderazzjoni l-akkużi miġjuba kontra Abderahim Samini kif ukoll mill-informazzjoni miġbura matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport qiegħed jiġi umilment suġġerit lil din l-Onorabbli Qorti illi Ordni*

*ta' Probation flimkien ma' Ordni ta' Trattament sabiex jieħu l-għajnuna minħabba l-problema tal-alkoħol għandha tkun is-sentenza idonea għall-imputat."*

Madanakollu l-Qorti ma taqbilx ma' din il-konklużjoni primarjament għaliex ma jidhirx li l-imputat attivament qed jagħmel xi tenttattiv biex jibdel ħajtu, kif ukoll minħabba li huwa akkużat b'reati serji marbutin mat-traffik b'użu ta' alkoħol mingħajr ma kien kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni. Il-Qorti tħoss li l-imputat għandu jitgħallem lezzjoni importanti li ma jistax ikollok użu tal-vettura b'mod l-aktar irresponsabbli b'riskju għalih innifsu u għal ħaddieħor, u għalhekk tara li għandu jingħata piena flimkien mas-sospensjoni għal-licenzja tas-sewqan.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 270, 271, 279(b), 328(d), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1), 15(1)(a)(2)(3), 15A(1), 15B(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, L.S. 65.05 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, , issib lill-imputat Abderrahim Smaini ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu tikkundannah għal perjodu ta' sena (1) priġunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' sentejn (2) snin mil-lum, kif ukoll, l-Qorti qegħda tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tnax-il xahar mil-lum.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati Abderrahim Smaini il-portata ta' din is-sentenza ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**